MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 446/2004

**B & D Marketing Services Ltd**

**vs**

**Stephen Busuttil f'ismu u in rapprezentanza ta' TBS Services Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut proprio et nomine ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef mitejn u tlieta u tletin liri Maltin u hamsa u tletin centezmi (LM3,233.35) rapprezentanti il-prezz ta' esportazzjoni ta' makkinarju lejn Tunis kif ukoll "Demurrage Charges", liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ikkalkulati mis-16 ta' April 2004, cioe' mid-data ta' l-ewwel fattura mahruga fil-konfront ta' TBS Services Limited mis-socjeta attrici;

Rat illi l-avviz gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet u naqas li jidher ghas-smiegh tal-kawza u b'hekk baqa' kontumaci;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi, mhux kontradetti, t-talba attrici tirrizulta ippruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi **tilqa' t-talba attrici**, kif dedotta fl-avviz, u ghaldaqstant tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta tlett elef mitejn u tlieta u tletin liri Maltin u hamsa u tletin centezmi (LM3,233.35) dovuti kif inghad; bl-imghax kif mitlub sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------